

European Central Bank Sonnemannstrasse 20, 60314 Frankfurt am Main, Germany Tel.: +49 69 1344 7455 Fax: +49 69 1344 7401 Email: info@ecb.europa.eu	
Banque Nationale de Belgique/Nationale Bank van België Tél./Tel.: +32 2 221 2578 laurent.denis@nbb.be	Deutsche Bundesbank Tel.: +49 69 9566 3512 info@bundesbank.de
Eesti Pank Tel: +372 668 0719 info@eestipank.ee	Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland Phone: +353 1 219 8858 euroseries2@centralbank.ie
Bank of Greece/Τράπεζα της Ελλάδος Τηλ.: +30 210 320 3447 press@bankofgreece.gr	Banco de España Tel.: +34 91 338 5999 emisionycaja@bde.es
Banque de France Phone: +33 1 42 92 94 92 euro-formation@banque-france.fr	Banca d'Italia Tel: +39 06 47924878 eurosecondserie@bancaditalia.it
Central Bank of Cyprus/Κεντρική Τράπεζα της Κύπρου Τηλ.: +357 22714503, +357 22714463 pressoffice@centralbank.cy	Latvijas Banka Tālrunis: +371 67022300 info@bank.lv
Lietuvos bankas Tel.: +370 5 268 00 71 info@lbt.lt	Banque centrale du Luxembourg Tél.: +352 4774 4561 euro2@bcl.lu
Bank Ċentrali ta' Malta/Central Bank of Malta Tel: +356 2550 3104/5 publicrelations@centralbankmalta.org	De Nederlandsche Bank Tel: +31 (0)800 020 1068 (gratis) info@dnb.nl
Oesterreichische Nationalbank Tel: +43 1 404 20 6900 christian.gutleiderer@oenb.at	Banco de Portugal Tel.: +351 213 215 358 press@bportugal.pt
Banka Slovenije Tel.: +386 1 47 19 153, +386 1 47 19 777 pr@bsi.si	Národná banka Slovenska Tel.: +421 2 5787 2143 info@nbs.sk
Suomen Pankki/Finlands Bank Puhelin/Telefon: +358 10 831 2626 info@bof.fi	

Българска народна банка Тел.: (+3592) 91459 press_office@bnbank.org	Sveriges Riksbank Tfn: +46 8 787 00 00 registrarom@riksbank.se
Magyar Nemzeti Bank Tel.: (+36 1) 428-2751 info@mnb.hu	Danmarks Nationalbank Tlf: 33 63 63 nationalbanken@nationalbanken.dk
Česká národní banka tel.: +420 224 411 111 podatelna@cnb.cz	Banca Națională a României Telefon: 021 313 04 10 Info@bnr.ro
Narodowy Bank Polski tel. centrala: +48 22 185 10 00 listy@nbp.pl	Hrvatska narodna banka Tel.: +385 1 45 64 576 info@hnb.hr
Bank of England Phone +44 (0)20 7601 4878 enquiries@bankofengland.co.uk	

IS-SENSIELA EUROPA: THEJJIJET

Il-magni tiegħek lesti għall-€50 ġdida?

Jekk int bejgiegħ jew tuża regolarment magni u tagħmir li jipproċessaw u jivverifikaw il-karti tal-flus, għandek taċċerta ruħek li l-apparat tiegħek ikun aġġornat għall-karta l-ġdida tal-€50 qabel ma din toħroġ fl-idejn f'April 2017.

Biex tiċċekkja jekk l-apparat tiegħek jistax jiġi aġġornat sabiejx jagħraf il-karta l-ġdida, jekk jogħġbok taqsi lill-fornitur tiegħek. Tista' wkoll tikkonsulta lista ta' apparat li diġà ġie ttestjat li tinsab fil-websajt tal-BĊE hawn www.ecb.europa.eu/euro/cashprof/cashhand/devices/html/results.mt.html Il-lista turi jekk tip partikolari ta' magna jew tagħmir ikunx diġà ġie aġġornat biex jilqa' l-€50 ġdida.

Ftakar li tista' tiċċekkja wkoll jekk karta tal-flus hijeġ tajba billi tuża l-metodu "Ħoss, Fares u Mejje!".



Karti tal-flus dubjużi

Bħala kaxxier, kultant għandha mnejn tiġi f'idejk karta tal-flus li tqanqallek dubji. Jekk jiġri dan
 > taċċettahiex
 > itlob karta tal-flus oħra u ċċekkja bir-reqqa.

Jekk tkun aċċettajt karta tal-flus li wara taħseb li tkun dubjuża, tghaddihex lill ħaddieħor għax dan huwa reat kriminali. Jekk jogħġbok agħti l-karta tal-flus lill-pulizija tal-lokal, lill-bank tiegħek jew lill-bank ċentrali nazzjonali. Jekk tkun tajba, tiegħu flusek lura.

Għal iżjed tagħrif ara www.karti-godda-tal-euro.eu/Karti-tal-flus-tal-Euro/KARTI-TAL-FLUS-DUBJUŻI. Tista' wkoll tikkuntattja lill-bank ċentrali ta' pajjiżek jew iżżur is-sit tiegħu. Dettalji oħra jinsabu f'dan il-fuljett.

IS-SENSIELA EUROPA



€100 ġdida
qiegħda titħejja

€200 ġdida
qiegħda titħejja

INTRODUZZJONI

Għaliex karti tal-flus ġodda?

Il-karatteristiċi ta' sigurtà tal-karti tal-flus iridu jttejbu minn żmien għal żmien biex ikunu iżjed reżistenti għall-falsifikazzjoni. Id-disinn tal-karti tal-flus kollha tas-sensjela Europa fih ukoll tibdil żgħir minn dak tal-ewwel sensjela u nġatlatlu bixra ġdida. Il-€50 ġdida mhijiex eċċezzjoni u fost il-karatteristiċi ta' sigurtà għandha tieqa b'wiċċ Europa li tidher miż-żewġ naħat tal-karta. Din il-karatteristika ġdida ssaħħilha s-sigurtà u wieħed malajr jista' jiċċekkja hix falza jew le.

Dħul gradwali tas-sensjela l-ġdida

Il-karti tal-flus tas-sensjela Europa qegħdin jiġu introdotti f'tit matul bosta snin. Diġà haġġu l-karti tal-€5, €10 u €20 u l-karta l-ġdida tal-€50 se tkun fl-idejn mill-4 ta' April 2017 'il quddiem. Huwa maħsub li l-karti l-ġodda tal-€100 u l-€200 se jkunu fl-idejn għall-ħabta ta' tmien l-2018. Is-sensjela ġdida tal-karti tal-flus mhijiex se jkollha l-karta tal-€500 minħabba li hemm tħassib li tista' tgħin f'attivitajiet illeċiti.

Il-karta l-ġdida tal-€50, bħall-karti tas-sensjela Europa li haġġu qabilha, se tkun fl-idejn flimkien mal-karti tal-euro tal-ewwel sensjela, li se jibqgħu valuta legali. Il-karti tal-euro jibqgħu jżommu l-valur tagħhom u jstgħu jissarrfu fil-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema sa żmien indefinit.



 BANK ĊENTRALI EWROPEW EUROSISTEMA		 БАНКА ЦЕНТРАЛНА БАНКА www.bnb.bg
 Banque Nationale Bank www.nbb.be	 DEUTSCHE BUNDESBANK EUROSISTEMA www.bundesbank.de	 ČNB NÁRODNÍ BANKA www.cnb.cz
 DANMARKS NATIONALBANK www.nationalbanken.dk	 ΤΡΑΠΕΖΑ ΤΗΣ ΕΛΛΑΔΟΣ ΕΥΡΟΣΥΣΤΗΜΑ www.bankofgreece.gr	 EUROSYSTEM www.eestipank.ee
 Banc Ceannais na hÉireann Central Bank of Ireland www.centralbank.ie	 BANCA D'ITALIA EUROSISTEMA www.bancaditalia.it	 BANCO DE ESPAÑA Eurosistema www.bde.es
 BANQUE DE FRANCE EUROSISTÈME www.banque-france.fr	 HRVATSKA NARODNA BANKA www.hnb.hr	 ΚΕΝΤΡΙΚΗ ΤΡΑΠΕΖΑ ΤΗΣ ΚΥΠΡΟΥ ΕΥΡΟΣΥΣΤΗΜΑ www.centralbank.gov.cy
 LATVIJAS BANKA EUROSISTEMA www.bank.lv	 MAGYAR NEMZETI BANK www.mnb.hu	 LIETUVOS BANKAS EUROSISTEMA www.lb.lt
 BANQUE CENTRALE DU LUXEMBOURG EUROSISTÈME www.bcl.lu	 ÖNB OESTERREICHISCHE NATIONALBANK EUROSISTÈME www.oenb.at	 BANK ĊENTRALI TA' MALTA CENTRAL BANK OF MALTA www.centralbankmalta.org
 DeNederlandscheBank EUROSISTÈME www.dnb.nl	 BNR www.bnr.ro	 Narodowy Bank Polski www.nbp.pl
 BANCO DE PORTUGAL EUROSISTEMA www.bportugal.pt	 RIKSBANKEN www.riksbank.se	 NÁRODNÁ BANKA SLOVENSKA EUROSISTÈME www.nbs.sk
 BOF www.bof.fi	 BANK OF ENGLAND www.bankofengland.co.uk	 BANKA SLOVENIJE BANK OF SLOVENIA EUROSISTEMA www.bsi.si



SKOPRI
IL-KARTA L-ĠDIDA TAL-€50

www.karti-godda-tal-euro.eu
www.euro.ecb.europa.eu

Ejja nqabbluhom

IL-€50 TAS-SENSIELA EUROPA

X'HEMM ĠDID



Quddiem



Wara

Il-karti tal-euro l-ġodda għandhom id-disinn "żminijiet u stili" bħall-ewwel sensjela u jużaw l-istess kuluri predominanti, iżda sarilhom tibdil żgħir biex jilqgħu l-karatteristiċi ta' sigurtà l-ġodda. Hekk jintgħarfu faċilment mill-karti tal-ewwel sensjela. Reinhold Gerstetter, disinjatur indipendenti tal-karti tal-flus minn Berlin, intgħażel biex jagħti bixra ġdida lid-disinn. Dan sar biex jiġu inklużi l-pajjiżi li ssielbu fl-Unjoni Ewropea wara l-2002. Hekk, il-mappa tal-Ewropa issa tinkludi lil Malta u lil Ċipru, il-kelma "euro" hija miktuba bl-alfabett Ċirilliku wkoll minbarra bl-alfabett Latin u Grieg, u l-inizjali tal-Bank Ċentrali Ewropew jidhru b'għaxar varjanti lingwistiċi, minflok b'ħamsa.

IL-€50 TAL-EWWEL SENSIELA



Quddiem




Wara

Faċli tiċċekkja

1 ĦOSS

Kif tinħass il-karta – Ħoss il-karta tal-flus. Tinħass tqarqaċ u soda. **Stampar imqabbeż** – Ix-xbieha ewlenija, l-ittri u l-valur numeriku l-kbir jinħassu eħxen.



X'hemm ġdid
Hemm sensjela ta' linji qosra mqabbżin mat-truf tax-xellug u tal-lemin.

2 ĦARES

Watermark – Ħares lejn il-karta tal-flus kontra d-dawl. Tidher xbieha mitfija li turi l-valur tal-karta tal-flus u x-xbieha ewlenija.

X'hemm ġdid – Watermark bil-wiċċ
Tidher ukoll xbieha ta' wiċċ Europa.

X'hemm ġdid – Tieqa bil-wiċċ fl-ologramma
Kontra d-dawl, it-tieqa fin-naħa ta' fuq tal-ologramma ssir trasparenti u turi xbieha ta' wiċċ Europa li tidher miż-żewġ naħat tal-karta.




3 MEJJEL

Ologramma – Mejjel il-karta tal-flus. L-istrixxa lewn il-fidda fuq il-lemin turi l-valur tal-karta tal-flus u s-simbolu tal-€.

X'hemm ġdid – Numru aħdar żmerald
Dan in-numru jleqq juri effett tad-dawl miexi 'l fuq u 'l isfel. In-numru jibdel il-kulur ukoll minn aħdar żmerald għal blu skur.

X'hemm ġdid – Tieqa bil-wiċċ fl-ologramma
It-tieqa fin-naħa ta' fuq tal-ologramma turi xbieha ta' wiċċ Europa. Meta tmejjel il-karta tal-flus, fit-tieqa jidhru wkoll linji bl-ilwien tal-qawsalla madwar il-valur numeriku. Fuq wara, fit-tieqa jidhru l-valuri numeriki bl-ilwien tal-qawsalla.



Il-€50 ġdida f'dawl UV



Quddiem




Wara

Il-karta nnifisha ma tiqgħelx.

- A** Fuq quddiem jidhru fibri żgħar inkorporati fil-karta. Kull fibra fiha tliet kuluri differenti. L-istilel tal-bandiera tal-UE, iċ-ċrieki ż-żgħar u wħud mill-istilel il-kbar jixgħlu fl-isfar. Bosta partijiet oħra wkoll jixgħlu fl-isfar.
- B** Fuq wara, il-kwart ta' ċirku li jinsab fin-nofs jixgħel fl-aħdar. In-numru tas-sensjela orizzontali u strixxa jidhru ħomor.

F'dawl ultravjola speċjali (UV-C)



Quddiem

- C** Fuq quddiem, l-istilel tal-bandiera tal-UE u ċ-ċrieki ż-żgħar jixgħlu fl-isfar. L-istilel il-kbar u partijiet oħra jixgħlu fl-oranġjo jew fl-isfar. Fin-nofs jidher ukoll simbolu kbir tal-€.

Ittri rqaq fuq il-€50 ġdida

Xi partijiet tal-karta tal-flus fihom sensjela ta' ittri rqaq. Dawn l-ittri rqaq jistgħu jinqraw b'lenti. L-ittri huma ċari mhux sfukati.



Quddiem



Quddiem

F'dawl infrared

Fuq in-naħa ta' quddiem jidhru n-numru aħdar żmerald, parti mill-valur numeriku l-kbir, in-naħa tal-lemin tax-xbieha ewlenija u l-istrixxa lewn il-fidda. Fuq in-naħa ta' wara, minbarra t-tieqa, jidhru biss il-valur numeriku u n-numru tas-serje orizzontali.



Quddiem



Wara